# IL-MEWT TA' PATRI G. MEILAK, S.J.

Kienet ta' niket u ħasra kbira l-mewt hekk għalgħarrieda ta' Patri Ġ. Meilak, wara marda qasira, iżda qalila li ġrat fil-21 ta' Frar fl-Isptar ta' St. Luke.

Patri Meilak xi xahrejn ilu kien inbagħat fid-Dar ta' Loyola, in-Naxxar, għall-kura ta' saħħtu mid-Dar ta' Manresa, Għawdex, fejn kien ilu xi snin wara li kien qabel fil-Kulleġġ ta' San Luigi, Malta, jaqdi dmiru bħala Ekonomu.

Sentejn ilu *f'Il-Malti* ta' Sett. — Diċ. 1963 f'għeluq is-60 sena ta' ħajja reliġjuża tiegħu, il-Għaqda kienet ħadet sehem fil-ferħ li lilu kien ingħata f'dik l-okkażjoni sabiħa u llum ukoll kellha tieħu sehem fin-niket u ħasra tal-mewt tiegħu li hija telfa kbira għall-Kumpannija tal-Ġeżwiti sħabu u għall-Għaqda li tagħha kien Membru Akkademiku mis-sena 1947 u kontributur bil-kitba tiegħu ta' fejda kbira.

Patri Meilak kien imżejjen bl-akbar kwalitajiet ta' zelu spiritwali fil-ħajja reliġjuża tiegħu sew f'Għawdex kemm ukoll f'Malta, l-iktar bħala Rettur u Amministratur fil-Knisja ta' Sarria fejn sewa ta' ġid mhux ftit u fejn baqa' msemmi għas-sehem kbir li kien ħa fit-twaqqif tal-Festi u Korteo ta' Kristu Re.

Fil-kamp letterarju, barra xi kitba ta' versi u proża li kultant kienu jidhru f'*Il-Malti* u f'xi rivisti oħra reliġjużi, huwa wera ħila u sabar kbir fix-xogħol ta' riċerki storiċi li għandhom x'jaqsmu mal-Istorja ta' xi Knejjes u Djar Reliġjużi, u dan narawh fix-xogħlijiet tiegħu li għadhom manuskritti, fosthom l-Istorja tal-Ġeżwiti f'Malta, u l-Istorja tad-Dar tal-Madonna ta' Manresa. Xogħol kbir, li kellu iħalli mhux mitmum, huwa id-dizzjunarju Malti maħdum bl-irqaqat kollha għal dawk li huma frażijiet u kliem tekniku.

Patri Meilak l-ewwel snin tal-ħajja reliġjuża tiegħu kien għaddiehom iktarx barra minn Malta, fi Sqallija, u fl-Italja fejn kien għamel il-biċċa l-kbira tan-novizzjat u studji tiegħu, u jaqdi wkoll xi dmirijiet spiritwali u kolleġjali fiż-żewġ gwerer kbar li kellna.

Sew sew tlitt ijiem qabel ma miet Patri Meilak għarrafna b'ittra li hu qiegħed fl-Isptar St. Luke għal xi kura serja u ma' xi tislijiet bagħtilna daqsxejn ta' novella li sa tidher f'ħarġa oħra ta' *Il-Malti.*

Fil-funeral li sarlu fil-Kappella tad-Dar ta' Loyola u fl-akkompanjament għaċ-Ċimiterju tan-Naxxar fejn indifen, ħadu sehem, ma' oħrajn, il-President, il-Viċi President u s-Segretarju tal-Għaqda.

Fil-waqt li nagħtu l-kondoljanzi tagħna lil niesu u lill-Komunità Reliġjuża tal-Ġeżwiti sħabu, nitolbu għall-mistrieħ ta' ruħu li llum tinsab fi ħdan Ġesù li għaliH ċaħad id-dinja u baqa' mħaddan miegħu sa l-aħħar nifs ta' ħajtu.